

Brussell, 13 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10726/21

ENFOPOL 282
CRIMORG 68
IXIM 148
COSI 145
JAI 867

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Lulju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10168/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar (NFFPs) fl-Istati Membri tal-UE – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Lulju 2021)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar (NFFPs), approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3808 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Lulju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar (NFFPs) fl-Istati Membri tal-UE.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2).

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 67 sa 89 tiegħu,

Billi:

1. Skont l-Artikolu 3 TUE, l-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli fuq il-fruntieri esterni, l-ażil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra.
2. Mill-2013, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar kienet waħda mill-prijoritajiet taċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja, matul iċ-ċiklu 2014-2017 u iċ-ċiklu attwali 2018-2021. Il-konferma tat-traffikar tal-armi tan-nar bħala prijorità tal-EMPACT għaċ-ċiklu 2022-2025 li jmiss tirrifletti l-importanza ta' din it-theddida għall-Istati Membri.
3. L-Istrateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti u l-Munizzjoni tagħhom "Akkar Sigurtà fuq l-Armi biex Niproteġu liċ-Ċittadini",¹ fil-kapitolu "Konformità permezz ta' monitoraġġ u infurzar -kooperazzjoni operazzjonali" tiddikjara li *"L-UE se ttejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, ttejjeg lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, inklużi awtoritajiet doganali, jistabbilixxu punti ċentrali nazzjonali fuq l-armi tan-nar, tipproduċi analiżi aħjar tal-informazzjoni kollha disponibbli fil-qasam tal-armi tan-nar illeċiti u tiżgura parteċipazzjoni sħiħa fl-iskambju tal-informazzjoni mal-Europol fil-qasam tat-traffikar tal-armi tan-nar;"* Din l-Istrateġija ġiet approvata mill-Kunsill².

¹ JOIN(2018) 17 final, 1.6.2018.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2018 (13581/18).

4. Fl-2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi approva l-"Gwida dwar l-aħjar prattika għall-ħolqien ta' Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar" tal-EFE/EMPACT³ bi gwida speċifika dwar il-kompiti, l-aċċess għall-bażijiet ta' data, il-livelli tal-persunal, il-postijiet u l-funzjonijiet.
5. Fil-pjan ta' Azzjoni tal-UE 2020-25 dwar it-traffikar tal-armi tan-nar⁴, il-Kummissjoni Ewropea tħeġġeġ lill-Istati Membri u lis-sħab tax-Xlokk tal-Ewropa biex jikkompletaw l-istabbiliment ta' Punti Fokali dwar l-Armi tan-Nar b'persunal sħiħ u mħarreġ f'kull ġurisdizzjoni, kif irrakkomandat mir-rekwiżiti minimi fil-Gwida dwar l-aħjar prattika għall-ħolqien ta' NFFPs u l-kontribut ta' esperti nazzjonali. Dawn il-punti fokali għandhom ikunu wkoll sistematikament assoċjati mal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u tal-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u dik internazzjonali, il-Kummissjoni ser tippubblika tabella ta' valutazzjoni ta' dawk il-punti fokali, li tippreżenta b'mod ċar id-dettalji ta' kuntatt u l-kompetenzi tagħhom u l-linji gwida dwar il-bażijiet ta' data u l-iskambju (parzjalment) awtomatizzat ta' data fost l-NFFPs.
6. F'Diċembru 2020, ġiet miżjuda lista ta' punti ta' kuntatt tal-NFFPs mal-manwal aġġornat dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data⁵, biex l-utenti jkun jistgħu jivverifikaw, fost l-oħrajn, id-dettalji ta' kuntatt u l-funzjonijiet tal-NFFPs.
7. Il-kompiti ewlenin tal-NFFPs huma li jiġbru, janalizzaw u jtejbu l-fluss ta' informazzjoni rigward l-użu kriminali u t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar lejn u fi ħdan l-Istati Membri u madwar l-UE flivell strateġiku u operazzjonali permezz ta' għir u kondiviżjoni koordinati ta' informazzjoni biex tittejjeb l-istampa tal-intelligence u biex l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jiġu infurmati aħjar;
8. Il-Kummissjoni Ewropea ser toħroġ linji gwida dwar id-data li għandha tinġabar, it-tip ta' bażijiet ta' data u l-format tal-iskambju ta' data li għandu jintuża.

³ 8586/18: networks u gruppi ta' esperti relatati mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi - EFE.

⁴ https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/default/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/20200724_com-2020-608-commission-communication_en.pdf

⁵ 5825/20 ADD 1 REV1

Konxju mid-diversità tar-riżorsi nazzjonali u l-istrutturi organizzattivi, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea b'dan jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex:

1. Jaħtru l-entitajiet xierqa fil-livell nazzjonali, biex iwettqu l-kompiti riflessi fir-rakkomandazzjonijiet tal-EFE/EMPACT dwar l-aħjar prattika, sabiex jipprovdu approċċ komprensiv għall-kontroll integrali tal-armi tan-nar. Il-kompiti tal-NFFPs jistgħu jitwettqu mill-entità maħtura msemmija fil-Manwal dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar tal-Liġi;
2. Jintegraw dawn l-entitajiet fl-amministrazzjonijiet nazzjonali korrispondenti, skont il-kompetenzi nazzjonali dwar il-kontroll integrali tal-armi tan-nar, sabiex tinholq struttura li tista' tissodisfa r-rwol tal-NFFPs, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu attribwiti kompiti differenti lil aktar minn entità waħda. Huwa rrakkomandat ħafna li dawn l-entitajiet joperaw fuq il-linji gwida għall-NFFPs rigward id-data miġbura, it-tip ta' bażijiet ta' data u l-format użat għall-iskambju ta' data;
3. Jaħdmu biex jipprovdu lill-NFFPs il-kompetenzi legali meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom, speċjalment fir-rigward ta':
 - l-istabbiliment ta' Repożitorju għal intelligence relatata mal-armi tan-nar, kemm kriminali kif ukoll ballistika,
 - l-istabbiliment ta' Repożitorju għall-armi tan-nar kollha mitlufa, misruqa u rkuprati;
 - it-traċċar tal-armi tan-nar kollha sekwestrati, meta jkun possibbli, mill-manifattur sal-aħħar sid legali,
 - l-analiżi ta' data dwar it-traċċar tal-armi tan-nar sekwestrati biex jiġu identifikati t-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u l-pajjiż tal-manifattura tal-armi tan-nar,
 - l-analiżi tal-armi tan-nar sekwestrati biex jiġu identifikati t-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u l-pajjiż tal-manifattura, in-numru tas-serje (jekk l-arma tan-nar ikollha numru), karatteristiċi speċjali ta' armi tan-nar maħduma mill-ġdid u modifiki,
 - il-forniment ta' data, statistika, informazzjoni, valutazzjonijiet u rapporti għall-użu fl-Istati Membri,
 - il-funzjonament tal-NFFP bħala punt ta' kuntatt tekniku mal-UNODC,

- l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Kwestjonarju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Flussi Illeċiti (UN-IAQF),
 - il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali.
4. Fejn adatt, jiżguraw li l-NFFPs jiġbru l-informazzjoni kollha rigward is-sekwestri ta' armi tan-nar illegali fl-Istati Membri, it-traċċabbiltà li tirriżulta minnhom u l-analiżi ballistika relatata, meta din issir teknikament fattibbli.
 5. Jaħtru lill-NFFPs bħala punti fokali fil-livell nazzjonali għall-kwestjonarju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-flussi ta' armi illeċiti, sabiex jiġi ssodisfat l-indikatur 16.4.2 għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li jaqra "Proporzjon ta' armi sekwestrati, misjuba jew ċeduti li l-orijini jew il-kuntest illeċitu tagħhom ġie ttraċċat jew stabbilit minn awtorità kompetenti f'konformità ma' strumenti internazzjonali" (traduzzjoni mhux uffiċjali).⁶
 6. Jassoċjaw lill-NFFPs b'mod sistematiku mal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u speċjalment bħala punti fokali għall-implimentazzjoni tal-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar.

B'dan jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-appoġġ ipprovdut permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna tal-UE għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet nazzjonali fir-rigward tal-NFFPs.

⁶ [https://www.unodc.org/unodc/en/data-and-analysis/statistics/crime/iafq.html#:~:text=United%20Nations%20Illicit%20Arms%20Flows%20Questionnaire%20\(UN%20DIAFQ\)&text=2%2C%20which%20reads%20%22Proportion%20of,in%20line%20with%20international%20instruments%22.](https://www.unodc.org/unodc/en/data-and-analysis/statistics/crime/iafq.html#:~:text=United%20Nations%20Illicit%20Arms%20Flows%20Questionnaire%20(UN%20DIAFQ)&text=2%2C%20which%20reads%20%22Proportion%20of,in%20line%20with%20international%20instruments%22.)